ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

MINUTI

Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St. Peter

IT-TIENI LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 102

L-Erbgħa, 9 ta' Mejju, 2018

Il-Kumitat Amministrattiv St. Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija

PREŻENTI:

Mario Bartolo – *Chairperson*
Luciano Farrugia – Viċi-*Chairperson*
Norman Clews – Membru

ASSENTI B'APOLOĠIJA
Nicholas Azzopardi – Membru

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Ic-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo ippresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.03pm

102.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

102.1.1 Is-Segretarju informa lil Membri li s-Sur Nicholas Azzopardi jinsab indispost għalhekk ġie ikkunsidrat bħala skużat għal din il-laqgħa.

102.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

102.2.1 Il-minuti tal-101 laqgħa ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

102.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

102.3.1 Is-Sur Bartolo qal li l-bankina ta' Triq l-Għakrux saret. Waqt li kien qed isir ix-xogħol il-Kumitat ġie infurmat li hemm biċċiet żgħar oħra fit-triq tal-ispiżerija u ġie ikkonfermat li jsiru wkoll.

102.3.2 Is-Sur Mario Bartolo qal li wara li tkellimna mal-kuntrattur li ġibna stima mingħandu dwar iċ-ċint ta' Triq Farfett tal-Fejġel dan żied ukoll l ispiza tal-pilastri għaliex ma kienux inklużi fl-istima oriġinali. Il-Kumitat qabel li isir bil-pilastri għal infurzat.

102.3.3 Ic-Chairman qal li it-tabelli tal-merħba Area St. Peters bl-emblema l-uffiċjali lesti u ser jitwaħħlu fil-ġranet li ġejjin.

102.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;

102.4.1 Is-Sur Clews staqsa jekk kellnix feedback minn ta' Barkat minħabba l-ispeed eċċessiv tat-trakkijiet tal-i*sludge*. Is-Segretarju wieġbu fil-pożittiv u qallu li qalulna li ser jitkellmu mal-kuntrattur madanakollu jekk għadhom xorta jgħaddu bl-ispeed qawwi jerġa jibgħat reminder lis-Sur Paul Micallef.

102.5 Mozzjonijiet

102.5.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

102.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

102.6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.35 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-13 ta' Ġunju

IFFIRMATA
Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-103 laqgħa li saret nhar l-4 ta' Lulju 2018.

IFFIRMATA
Mario Bartolo
Chairperson